MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-8 ta' Awwissu, 2007

Rikors Numru. 719/2007

Julian Holland bhala mandatarju tal-assenti Arthur John Holland u Geraldine Holland
vs
Christopher Muscat personalment u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Stone Projects Limited

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta’ Christopher Muscat personalment u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Stone Projects Limited li bih espona:

1. Illi r-rikorrent nomine ezekutant talab u ottjena l-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 901/07 kontra l-intimat ezekutat ***proprio et nomine*** ghas-somma ta’ tlettax-il elf lira Maltin (Lm13,000) rapprezentanti “danni sofferti mir-rikorrent a kawza tal-intimat kif jirrizulta ahjar minn citazzjoni 444/07CFS fl-istess ismijiet”.

2. Illi, oltre ghall-fatt illi l-intimat ezekutat ***proprio et nomine*** jichad illi huwa responsabbli ghall-hlas ta’ xi danni lir-rikorrent ***nomine*** ezekutant (pero` wiehed jifhem illi dik hija kwistjoni li trid tigi trattata u deciza fil-mertu fil-kors tal-kawza), kien car u manifest pero` li l-intimat ezekutat Christopher Muscat fil-vesti tieghu personali ma kienx il-legittmu kontradittur stante li huwa ma kellu ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti ezekutati u l-appalt in kwistjoni ghal xogholijiet ta’ natura edilizja kien inghata lis-socjeta` intimata ezekutata ‘Stone Projects Limited’ u mhux lill-intimat ezekutat Christopher Muscat personalment.

3. Illi ghaldaqstant il-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju ***de quo agitur*** kien inhareg inutilment fil-konfront ta’ Christopher Muscat personalment u minghajr ebda gustifikazzjoni legali.

4. Illi in oltre l-ammont sekwestrat ta’ tlettax-il elf lira Maltija (Lm13,000) ma kien gie bl-ebda mod gustifikat lanqas ***prima facie*** mir-rikorrent nomine ezekutat u kien jidher car li dan l-ammont reklamat kien wiehed eccessiv.

5. Illi wkoll Christopher Muscat ***proprio et nomine*** irrileva li, qabel ma saret it-talba ghall-hrug ta’ dan il-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju da parti tar-rikorrent ***nomine*** ezekutat, l-istess rikorrent ***nomine*** ezekutat naqas milli fi zmien hmistax-il jum qabel il-hrug ta’ dan il-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju, jinterpella lill-intimat ezekutat sabiex jaghti garanzija sufficenti ghall-hlas tal-ammont reklamat, u dan minkejja li certament li ma kien hemm ebda ragunijiet ta’ urgenza li jiggustifikaw dan in-nuqqas.

6. Illi bil-hrug tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju gew maqbuda kontijiet bankarji intestat f’isem Christopher Muscat personalment (li f’kull kaz jappartjenu lill-Komunjoni tal-Akkwisti ezistenti bejnu u bejn martu Annabelle Muscat illi zgur li mhix passibbli ghall-ebda danni u fil-fatt lanqas biss giet citata in gudizzju) kif ukoll kontijiet bankarji intestati konguntivament f’isem l-istess Christopher Muscat personalment u martu Annabelle

Muscat, u ghalhekk kien jirrizulta li gew sekwestrati fondi appartenenti lil terzi persuni kompletament estraneji ghal dawn il-proceduri, u cioe` Annabelle Muscat, mart l-intimat esekutat Christopher Muscat.

7. Illi gie rilevat ukoll li Christopher Muscat personalment huwa proprjetarju ta' tliet propretajiet immobbli u ghandu impjieg stabbli u salarju tajjeb hafna bhala Kaptan ma' Airmalta plc u ghalhekk ic-cirkostanzi tieghu personali certament li huma tali li ma jaghtux lok ghal biza' li, f'kaz li jigi kundannat personalment ghall-hlas ta' xi danni lir-rikorrent ***nomine*** ezekutant, huwa ma jkunx f'pozizzjoni finanzjarja li jaghmel dan.

8. Illi ghalhekk ir-rikorrent ***proprio et nomine*** ipprezenta dan ir-rikors a tenur tal-provvediment tal-artikou 836 (1) (d) u (f) u 836 (8) (b) u (c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ir-rikorrent talab lill-Qorti:

i. Tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 901/07 in kwantu dan gie mahrug kontra Christopher Muscat personalment u dan a tenur tal-artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kap.12

ii. Tikkundanna lill-intimat ghall-hlas ta' danni lill-istess rikorrent Christopher Muscat personalment f'somma ta' bejn Lm500 u Lm3,000 li tigi likwidata minn din il-Qorti, u dan a tenur tal-artikolu 836(8)(b) u (c) tal-Kap.12.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat ***nomine***.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' Julian Holland bhala mandatarju tal-assenti Arthur John Holland u Geraldine Holland li biha espona:

Illi permezz ta' rikors datat 2 ta' Lulju 2007 l-intimat ezekutat Chrsitopher Muscat et talab li din l-Qorti joghogbha:

*‘(i) tirrevoka l-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju 901/07 in kwantu dan gie mahrug kontra l-intimat ezekutat Christopher Muscat personalment u dan a tenur tal-artikolu 836 (1) (d) u (f) tal-Kap 12;*
*u*
*(ii) tikkundanna lir-rikorrent nominee ezekutant ghall-hlas ta’ danni lill-istess intimat ezekutat Christopher Muscat personalment f’somma ta’ bejn Lm500 u Lm3,000 li tigi likwidata minn din il-Qorti, u dan a tenur ral-artikolu 836 (8) (b) u (c) tal-Kap 12.*
*Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra r-rikorrenti nomine ezekutant.’*

Illi l-fatti fil-qosor dwar it-tilwima bejn iz-zewg partijiet hija li l-intimati huma l-proprjetarji tal-fond bin-numru mija u disgha u ghoxrin (129) fi Tir iz-Zekka, il-Belt Valletta. L-intimati atturi kienu inkarigaw lill-konvenuti sabiex jaghmlu xi xogholijiet ta’ rinnovazzjoni u kostruzzjoni f’din il-proprjeta`. Fil-fatt, kull komunikazzjoni saret bejn l-intimati u Christopher Muscat. Bhala parti mill-ftehim l-intimati sahansitra ghaddew eluf kbar ta’ liri f’idejn l-istess Christopher Muscat. Jirrizulta izda li x-xogholijiet miftehema mhux talli ma sarux, izda sar xoghol tant hazin li sehhet hsara strutturali konsiderevoli fil-fond ta’ l-intimati. Fil-fatt, kien hemm perkolazzjoni qawwija ta’ ilma fil-fond in kwistjoni u sahansitra waqghu xi soqfa ta’ dan l-istess fond. L-intimati ezekutati, ossia l-konvenuti naqsu milli jipprovdu rimedju ghad-danni kollha li sehhew fil-fond in kwistjoni. Konsegwenza ta’ dan kollu u in vista tan-nuqqas ta’ kooperazzjoni da parti tal-intimati ezekutati, l-intimati ma kellhomx allternattiva ghajr li jfittxu rimedju legali fosthom permezz tal-kawza u l-kawtela tal-pretenzjoni permezz ta’ l-opportun mandat ta’ sekewstru kawtelatorju numru 901/01.

Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jigu michuda u dan ghar-ragunijiet segwenti;

(1) Illi r-rikorrent jibbaza l-ewwel talba tar-rikors tieghu ai termini ta’ l-artikolu 836 (1) (f) tal-Kap 12 li jaghti s-setgha lil din il-Qorti li tirrevoka l-mandat f’kaz:

‘F’kaz li jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli,’

(a) Illi in sostenn ta’ din it-talba, ir-rikorrent ezekutat jallega li huwa ma kellu l-ebda relazzjoni guridika mal-intimati. L-intimati jissottomettu li in vista tal-fatti u c-cirkustanzi certament ma jistghux jaqblu ma’ dan l-argument. Effettivament jirrizulta li l-intimati dejjem kellmu lil Christopher Muscat fuq ix-xogholijiet li kellhom isiru u l-fondi ghaddewhom lilu. Jirrizulta inoltre li l-hsarat estensivi li sehhew fil-fond in kwistjoni kienu unikament rizultat ta’ xogholijiet hziena u mhux skond is-sengha u l-arti da parti ta’ l-istess Christopher Muscat li ghaldaqstant huwa responsabbli personalment ghad-danni li kkawza. F’dan l-istadju saret referenza ghall-artikoli 1030 u 1032 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta li jaqraw kif isegwi:

*‘1031: Izda, kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigi bi htija tieghu’*

*‘1032 (1): Jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta’ missier tajjeb tal-familja.’*

Kien ghaldaqstant car in vista ta’ dak suepost illi Christopher Muscat personalment huwa wkoll il-legittmu kontradittur fil-proceduri istitwiti mill-intimati. Fi kwalunkwe kaz, din hija materja li trid neccessarjament tkun investigata minn dina l-Qorti meta tasal biex tittratta l-eccezzjonijiet tal-konvenut fil-kawza in kwistjoni. Kien ghalhekk ferm prematur dak li qed jitlob ir-rikorrent, cioe` li jigi personalment estromess mir-responsabbilta` b’mod sommarju;

(b) Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost, ir-rikorrent jargumenta wkoll illi l-fondi maqbuda huma parti minnhom fondi tal-komunjoni ta’ l-akkwisti. Gie sottomess li anki dan l-argument ma kellu l-ebda bazi legali. Inghad fl-ewwel lok li l-intimati talbu biss il-hrug ta’ mandat ta’

sekwestru fil-konfront ta’ l-intimati (rikorrenti odjernbi) u mhux fil-konfront ta’ l-imsemmija Annabelle Muscat. Il-fatt li s-Sinjura Muscat setghet giet affettwata meta zammet kontijiet ‘joint’ ma’ zewgha r-rikorrent kienet konsegwenza naturali. Fil-fatt, ir-rikorrent imkien ma’ jissottometti li bejnu u bejn martu hemm xi separazzjoni ta’ l-assi jew xi sistema ohra ghajr dik tal-komunjoni tal-akkwisti. Ghall-kuntrarju, huwa l-istess rikorrent li jikkonferma li s-sistema applikabbli fiz-zwieg tieghu hija dik ta’ komunjoni ta’ l-akkwisti. F’termini legali l-assi tal-komunjoni ta’ l-akkwisti jaghmlu tajjeb ghad-dejn jew danni dovuti minn kwalunkwe parti fiz-zwieg u mhux minnu dak li qed jipprova jargumenta l-intimat ezekutat u cioe` li b’xi mod hemm xi parti riservata ghal martu. F’dan l-istadju saret referenza fost l-ohrajn ghall-artikolu 1327 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost, it-tielet argument imressaq mir-rikorrent huwa ai termini ta’ l-artikolu (1) (d) tal-artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta liema artikolu jipprovdi li din l-Qorti tista’ tirrevoka mandat f’kaz illi:

‘jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv’

Gie sottomess illi mhux minnu li l-ammont ta’ telttax-il elf lira Maltin ma giex gustifikat prima facie u dan meta wiehed semplicement jaghti daqqa ta’ ghajn lill-fatti kif esposti aktar ‘l fuq. L-intimati fil-fatt iddikjaraw li huma ghaddew is-somma ta’ madwar erbatax-il elf Liri Maltin (Lm14,000) lir-rikorrenti. Flimkien mas-somma wiehed jrid jiehu konjizzjoni tad-danni sofferti fil-proprjeta’ tal-intimat liema danni flimkien ma’ l-ammont sborsat favur l-intimat certament jesorbitaw is-somma konservattiva kif hemm indikat fil-mandat de quo. Saret ukoll referenza ghar-rapport redatt mill-Perit Paul Camilleri datat 12 ta’ April 2006 (dokument JH 1) liema rapport jaghti stima preliminari tad-danni sofferti, ammontanti ghal tmint elef mitejn u sebghin Liri Maltin (Lm8,270). In oltre, l-intimati sottomettew li kienu huma stess li kellhom jiehdu hsieb li jaghmlu tajjeb ghad-danni kollha li sehhew fil-proprjeta`

taghhom u ghaldaqstant huma fil-posizzjoni, f'kaz li din il-Qorti tirrikjedi, li jesebixxu kopja ta' l-ircevuti kollha ta' spejjez li ghamlu f'dan il-fond.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost, it-tieni talba tar-rikorrent hija ai termini ta' l-artikolu 836 (8) (b) u (c) ai termini ta' liema din il-Qorti ghandha s-setgha f'kaz li jirrizultaw certi cirkustanzi tikkundanna lir-rikorrent f'att kawtelatorju jhallas penali. F'dan ir-rigward gie sottomess illi mhux minnu dak li jallega r-rikorrent u cioe` li huwa ma giex interpellat sabiex ihallas qabel ma sar l-att kawtelatorju. Fil-fatt, konsegwenza tal-hsarat li sehhew fil-fond in kwistjoni f'Dicembru tas-sena 2005, il-Perit tal-intimati kellu jmur fuq il-fond idversi drabi u nhargu diversi rapporti dwar id-danni sofferti fl-istess fond. Dwar ir-rapport lkoll ingabu a konjizzjoni tal-konvenut b'talbiet specifici, anki bil-miktub, sabiex ir-rikorrent jirritorna l-fondi li nghata mill-atturi u jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti. Irrizulta izda li nonostante li r-rikorrent inghata zmien ampju sabiex jirrimedja ghal dan kollu huwa baqa' ma ghamel xejn. Il-mandat de quo gie prezentat f'April tas-sena 2007 u ghaldaqstant jirrizulta li r-rikorrent inghata mill-anqas sena u erba' xhur zmien sabiex jirregola ruhu. L-intimat irriserva d-dritt li jipprezenta l-provi dokumentarji kollha msemmija f'dan il-paragrafu ghall-informazzjoni ta' din l-Qorti.

Illi, in oltre, b'referenza ghall-artikolu 836 (c) gie sottomess li ghalkemm ir-rikorrent jipprova jaghti x'jifhem li l-posizzjoni finanzjarja tieghu hija wahda likwida, bl-ebda mod ma tressqu provi li s-sitwazzjoni tieghu kif hekk allegata kienet maghrufa mill-intimat. Pjuttost, il-fatt li r-rikorrent ghal aktar minn sena iddetjena milli jirritorna l-fondi tal-intimat ta' x'jifhem lill-ntimatii li s-sitwazzjoni finanzjarja tieghu ma kenitx wahda tajba. Ukoll, l-intimati bl-ebda mod ma kienu jew huma f'sitwazzjoni li jaccertaw ruhhom jekk ir-rikorrent hux debitur ta' terzi u mhux taghhom biss. Fl-ahharnett l-argumenti li l-intimat ghandu proprjeta' immobbli tieghu, apparti li dak kollu ghad irid jigi pruvat, umilment ma jreggix stante li l-intimat huwa liberu li jiddisponi minn din il-proprjeta` meta jrid. Semmai, ir-rikorrent ghandu l-mezzi legali ghad-dispozizzjoni tieghu

sabiex juza dawn il-fondi in sostenn ta' garanzija li tista' tkun depozitata flok il-mandat ta' sekwestru. Il-fatt li dan ma ghamlux titfa' dubji dwar l-istat finanzjarju ta' l-intimat.

Ghaldaqstant, in vista tas-suepost u b'riserva li jittressqu provi, l-intimati talbu li din l-Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. KUNSIDERAZZJONIJIET U KONKLUZJONIJIET:**
It-talba ghar-revoka tal-mandat qed issir fuq il-bazi ta' l-artikolu 836(1)(d) u (f) u 836 (8)(b) u (c), li jghidu hekk:
836. (1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:

(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv; jew

(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu m'huwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.

836. (8) Il-Qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inhareg att kawtelatorju fuq talba tieghu sabiex ihallas penali ta' mhux inqas minn hames mitt lira u mhux izjed minn tlett elef lira li jmorru ghand il-persuna li kontriha jkun inhareg l-att kawtelatorju, f'kull kaz minn dawn il-gejjin:

(*b*) jekk, fuq it-talba tal-konvenut g]at-tne]]ija ta' l-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli ji[[ustifika li l-att

kawtelatorju kellu jin]are[ jew illi fi \mien ]mistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors g]all-]ru[ ta’ l-att kawtelatorju, huwa jkun b’xi mod talab lill-konvenut li j]allas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wie]ed likwidu, sabiex jipprovdi sigurta’ bi\\ejjed:
I\da d-disposizzjonijiet ta’ dan il-paragrafu ma g]andhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm ra[unijiet ta’ ur[enza g]all-]ru[ tal-mandat;

(`) jekk i`-`irkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jag]tux lok g]al xi dubju ra[onevoli dwar il-likwidita’ tieg]u u dwar il-kapacita’ finanzjarja tieg]u li j]allas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qag]da tad-debitur kienet maghrufa sew;

Issa, kif inghad minn din il-Qorti, kif diversament ippreseduta fil-kawza “**Camilleri vs Gove` et**”, deciza fl-10 ta’ Mejju, 2001, fuq rikors numru 286/01, “li mid-disposizzjoni tal-istess **artikolu 836** jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta’ prima facie, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f’dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta’ procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja.”

Illi l-iskop ta’ mandat kawtelatorju huwa li persuna tikkawtela d-drittijiet gja ezistenti taghha u mhux li tiggarantixxi d-drittijiet potenzjali futuri taghha. Dan johrog car minn qari tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **“Carmela Aquilina vs Francis X. Aquilina”** deciza fis-27 ta’ Novembru, 1991 fejn inghad:
“id-dritt ta’ kawtela - cjoe’ id-dritt procedurali - li ma huwiex id-dritt sostanzjali li – jista’ jigi kawtelat. Dawn (id-dritt procedurali u d-dritt sostanzjali) huma zewg drittijiet distinti u ma jistghux jigu ridotti u konfuzi fi dritt wiehed………Huwa ovvju li l-jedd imsemmi fil-mandat m’ huwiex id-dritt li taghmel il-mandat imma huwa d-dritt li ghalih il-kreditur ghamel uzu mid-dritt li johrog il-mandat”. Illi ghalhekk il-kwistjoni kollha hija li ma “tikkonfondix l-kuncett ta’ kawtela ma’ dik ta’ garanzija ta’ drittijiet”.

Illi mill-provi prodotti, hemm nuqqas ta’ qbil fejn ir-rikorrenti tas-sekwestru u tar-rikors guramentat Julian Holland ***nomine et*** qed isostnu li l-intimat tas-sekwestru u tar-rikors guramentat izda r-rikorrenti fil-proceduri odjerni kkawzawlhom danni fil-fond 129, Triq Zekka, il-Belt meta Holland ***et*** inkarigaw lil Muscat u Stone Projects Limited jaghmlu xogholijiet ta’ rinnovazzjoni u kostruzzjoni fl-imsemmija proprjeta`, liema xogholijiet fil-fehma ta’ Holland saru tant hazin li sehhet hsara strutturali konsiderevoli li kkawza perkolazzjoni qawwija ta’ ilma u sahansitra waqghu xi soqfa. Diskussjonijiet kienu saru bejn Holland u Chris Muscat li dawn huma michuda mir-rikorrenti izda naturalment fil-proceduri tal-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju l-Qorti trid toqghod biss fuq provi ***prima facie***, li mill-provi li ghandha s’issa l-Qorti jidher li possibbilment dak allegat minn Holland ***et*** jista’ jkun il-verita` ghalkemm il-Qorti qed tghid biss dan f’linja straordinarja ghall-proceduri ghall-proceduri li hemm quddiemha u b’ebda mod m’hi qed tiddeciedi l-kwistjoni finali izda biss izzomm l-apprezzament ghall-proceduri odjerni.

Minhabba f’hekk ma giex muri lil din il-Qorti li l-ammont mitlub mhux ***prima facie*** gustifikat u anqas li tali ammont huwa wiehed eccessiv. Anqas qed jintwera lill-Qorti li tali mandat mhux aktar mehtieg jew gustifikabbli u li ghalhekk qed tichad it-talba ghar-revoka tal-mandat.

It-talba ta’ Muscat u Stone Projects Limited tinkludi dik taht il-Kap 12 art 836(8)(b) u (c) relattivi ghall-kontro-mandat fejn il-Qorti tista’ tikkundanna lir-rikorrent ghall-hlas ta’ penali, izda ma giex pruvat li m’hemmx il-gustifikazzjoni ghall-hrug tal-mandat u anqas jinkorru l-elementi taht il-klawsola (c) ghax naturalment likwidita` u kapacita` finanzjarja tista’ tigi determinata biss minn ***statements*** finanzjarji u ricerki ta’ trasferimenti u passivita` li zgur li Holland ***et*** ma kellhomx a dispozizzjoni taghhom meta gie intavolat ir-rikors ghall-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju.

Minhabba fis-suespost il-Qorti tichad it-talba.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------